MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1744/2004

**Carmel Grech ezercenti n-negozju taht l-isem C.Grech Marbles
vs
Jane Roberts**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Settembru, 2004, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u disgha u sebghin lira Maltija (Lm479.00) jew somma verjuri li tigi stabbilita rapprezentanti l-prezz ta' xogholijiet ta' irham li gew ezegwiti mis-socjeta` attrici fuq inkarigu tal-konvenuta fil-propjeta` tal-istess konvenuta.**
**Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra interpellatorja datata 5 t'Awissu, 2004, u bl-imghax legali kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata fil-5 t'Ottubru, 2004 fejn intqal illi t-talba attrici ghandha tigi michuda stante illi kif dedott ahjar fil-kontro-talba prezentata kontestwalment ix-xogholijiet ta' rham li ghalihom qed issir it-talba ghall-hlas m'humiex skond l-arti u s-sengha u d-danni li sofriet u li ghad trid issofri l-konvenuta sabiex tirrimedja dawn ix-xogholijiet jeccedu l-ammont pretiz mill-attur.**
**Salv eccezzjonijiet ohra.**

**Ra l-kontro-talba prezentata mar-risposta fejn intqal illi l-attur huwa debitur tal-konvenuta f'ammont li jrid jigi likwidat mit_tribunal rapprezentanti danni sofferti mill-konvenuta konsegwenza ta' xogholijiet tal-irham esegwiti mill-attur liema xogholijiet m'humiex skond is-sengha u l-arti u mhux tal-kwalita` pattwita.**
**Illi di fatti x-xogholijiet tal-irham li ghamel l-attur ghall-konvenuta irid jinbidel kollu.**
**Ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi l-ammont pretiz mill-konvenuta ma jeccedix l-elf u hames mitt lira.**
**Ra r-risposta ghall-kontro-talba prezentata fid-19 ta' Ottubru, 2004, fejn intqal illi t-talba tal-konvenuta ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess konvenuta, stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.**

**Semgha x-xhieda ta' Carmel Grech, Carmen Grech, Mario Galea, Jane Roberts, il-Perit Godwin Abela, Marianne Farrugia, Angela Barbara. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**
**Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta.**

**Ra illi b'digriet tat-2 ta' Mejju, 2005 gie mahtur bhala Espert Tekniku l-Perit AIC Godwin Abela, u skond digriet tal-21 ta' Frar, 2006, l-ispejjez tal-imsemmi Perit Tekniku provizjorjament kellhom ikunu a karigu tal-konvenuta. Ra li l-Perit Tekniku halef ir-rapport fit-28 ta' Marzu, 2006.**

**Ikkunsidra :**

**1. L-attur qed ifittex ghall-hlas ta' xoghol ta' irham, il-konvenuta tghid li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u ghalhekk ghamlet kontro-talba ghad-danni.**

**2. L-attur Carmel Grech, xehed li jghamel xoghol tal-irham, u ilu madwar tmintax-il sena f'dan ix-xoghol. Il-konvenuta riedet kitchen-top tal-granit, marret is-showroom u l-fabbrika. Kienet ghazlet kulur ta' granit li kien bi tmienja u ghoxrin lira (Lm28.00) l-metru. Jghid li ittiehed il-qies, u inghatat stima. Wara sar ix-xoghol fis-sens li tpogga l-granit fuq il-bank tal-kcina. Jghid li kienet soddisfatta bix-xoghol. Wara gimgha cemplet u qalet li kella problema, u ilmentat li l-materjal kien « second calss » ghaliex mea thares lejh kontra d-dawl tara xi xquq. L-attur spjega li dan kien materjal naturali u ma kienx hemm klassijiet.**

**3. Carmen Grech, mart l-attur, tikkonferma li l-konvenuta marret is-showrrom aktar minn darba. Spjegat ukoll loi qabel ma jsir l-ordni l-klijentjara l-materjal fil-fabrika minhabba xi varjazzjonijiet li jista jkun hemm.**

**4. Mario Galea, impjegat mal-attur u li xogholu hu li jpoggi l-irham, xehed li kien hu li pogga l-irham fil-kcina tal-konvenuta. Jghid li hi ddefiniet ix-xoghol bhala perfett. U kienet anke taghtu xi hlas extra. Jghid li kienet prezenti waqt li sar ix-xoghol.**

**5. Il-konvenuta tghid li hi hi u zewgha ghazlu l-materjal, u rieduh ghal bank tal-kcina. Tikkonfema li kienet marret l-fabbrika. U ghazlet il-granit. Thallas depozitu, u l-bilanc kellu jihallas meta jkun konkluz ix-xoghol. Hi tilemat fuq il-fatt li l-granit kien « pitted », u spejgat lil mario Galea dan l-ilment taghha. Meta marret tkellem lill-attur dwar il-kont, ilmentat mieghu dwar il-kwalita` tal-granit, pero` hu qalilha li kollox kien sew. Apparti minn dan ilmentat ukoll li l-granit ma kienx imqieghed tajjeb. Il-konvenuta esebiet ritratti Dok.A sa E li juru d-difetti. Spjegat li sar ukoll xoghol fuq « window sills » pero` dwar dawn ma kien hemm problema.**

**6. Il-konkluzjoni tal-Perit nominat mit-Tribunal kienet illi il-materjal supplit mill-attur kien tal-kwalita` medja li kien adattat ghall-iskopijiet li riedet il-**

**konvenuta. Pero qal ukoll illi kien hemm imperfezzjonijiet u difetti fit-tqeghid tal-granit u li dawn iridu jigu rrangati, u li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti. Dana jirrizulta ampjament mir-ritartti esebiti.**

**7. Il-kont tal-attur jinsab esebit bhala Dok.CG1. Il-materjal kien tal-kwalita` pattwita u ghalhekk dan ghandu jithallas. L-ammont ghat-tqeghid kien ta' mitt lira oltre l-VAT, cioe` mija u tmintax-il lira. Dan l-ammont ta' l-ahhar cert mhux dovut. L-ammont tal-« additional orders » huwa dovut kollu. Ghalhekk mis-somma ta' erba' mija u disgha u sebghin lira Maltija (Lm479.00) wiehed irid jnaqqas is-somma ta' mija u tmintax-il-lira Maltija (Lm118.00) li tirrigwarda it-tqeghid. Ghalhekk jibqa bilanc dovut fl-ammont ta' tlett mija u sitt liri Maltin (lm306.00).**

**8. Pero` wiehed irid iqies ukoll il-kontro-talba tal-konvenuta, cioe` li din issa trid tqabbad lil xi hadd biex jaqla u jerga iqieghed il-granit kif suppost. Ghat-tqeghid it-Tribunal qed jikkalkula fuq bazi ta' mija u tmitax-il lira Maltija (Lm118.00) u arbitrio boni viri jalloka somma ohra ta' ghoxrin lira (Lm20) biex jinqal l-istess xoghol. Ghalhekk it-Tribunal qed jillikwida danni ammontanti fis-somma ta' mija u tminja u tletin lira Maltija (Lm138.00) biex jitranga kollox.**

**Ghaldaqstant t-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' tlett mija u sitt liri Maltin (Lm306.00), u jilqa l-kontro-talba tal-konvenuta fis-somma ta' mija u tminja u tletin lira Maltija (Lm138.00), u b-applikazzjoni tal-Artikolu 1196 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, jigi li l-konvenuta ghandha thallas lill-attur noe s-somma ta' mija u tminja u sittin lira Maltija (Lm168.00), bl-imghaxijiet legali dekoribbli mill-lum.**

**L-ispejjez tat-talba, tal-kontro-talba, u tal-Espert Tekniku ghandhom ikunu a karigu tal-attur nomine.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------